# Immaġina li kont annimal f'ċirklu

Ajma! Qed tweġġgħuni. Ieqfu! Ieqfu!. Għala dejjem l-istess? Dejjem ittuni f'dahri u ttuni ftit x'niekol.

Jien jisimni Żimba. Jien tigra taċ-ċirklu.Ma xtaqtx insir tigra taċ-ċirklu, għax is-sidien jitrattawni ħażin. Sirt taċ-ċirklu għax ġabuni mill-Afrika kont għadni ċkejken. Niftakar ix-xemx taħraq tal-Afrika. Niftakar il- wesgħat kbar ta' ħdura Xi ġmiel! Ħsibt li ħa nkun aħjar imma sfajt fil-miżerja, għax ġabuni lanqas niflaħ niċċaqlaq. Hawn ħlief naħdmu l-ħin kollu ma nagħmlux. Qas ċans nistrieħu, nieklu u nixorbu m' għandna. Nieklu mill-inqas.

Jien u sħabi noqogħdu nipprattikaw ix-xow tagħna. Dejjem nagħmlu x-xow perfetta, imma xorta waħda ma naqilgħu xejn tal-battikata li nkunu ħadna biex ġibna x-xow kif jixtiequ. Is-sidien tagħna m' għamlu xejn u qalgħu l-flus kollha li suppost ħadna aħna. Hekk sew! Huma jaqilgħu l-flus u aħna naqilgħu xi daqqa fuq daharna. Jiena xbajt dejjem l-istess rutina. Imma xi tridni nagħmel? Ma nistax naħrab għax jaqbduni u jsawtuni. Mhux hekk! U n-nies jaħsbu li s-sidien iħobbuna.

Nixtieq li darba ninbidel f' persuna u nkun liberu għal dejjem. Kieku nkun fis-seba' sema. Ma jkollix għalfejn noqgħod nistenniehom biex isawtuni. Għal darba nkun nista' nagħmel li rrid. Nista' nibqa' noħlomha kemm irrid

**dix-xewqa, għax qatt mhu ser tiġri. Kieku tajjeb kieku sseħħ.**

**Emilia Borg Cachia**

**1 Diamond**

